# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 17 /2024

**Data tal-laqgħa:** 11 ta' Ġunju , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |

Assenti

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |
| Bernice Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MAZ FD

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non inera

# MINUTI

## 17.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

16.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv waslet l- ittri ta' apoloġiji x'jinqraw. Il-Kunsilliera Ritienne Caruana kienet skużata ħabba sitwazzjoni familjari waqt li l-Viċi Sindku kienet skużata ħabba eżami li kellha tattendi.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 16

17.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 16 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill- kunsilliera Loranna Bonnici dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sindku wassal kommunikat li kellu mingħand ir-reġjun bħala rekwiżiti tal-MCCA biex issiru tabelli fil-bandli ħabba risk Assesments u dawn jinkludu Safety u Warning signs u ma' dan il-Kunsill qabel li jmexxu.

17.3.2 Komunikazzjoni oħra li kien hemm, kienet mis-Sur Camilleri li jieħu ħiseb il-'Wolfpack Airsoft Club Mata' li staqsa jekk ġewwa Ħal Kirkop hemmx post fejn ikunu jistgħu jitrenjaw u jkunu jistgħu jikru post – fejn Tar-Robba ġie ssuġġerit mingħand is-Sindku Matthew Agius Zammit fi-waqt li l-Kunsiller Jospeh Schembri ssuġġerixxa triq li qiegħda bla isem biswit l-Elbros.

17.3.3 Intbagħtet korrispondenza mingħand l-entita tan-numri tad-djar biex jinbidel l-isem ta' Triq San Ġwann. Il-Kunsillier Joseph Schembri rrakkomanda li tingħata l-isem ta' *'Triq l-Artkata ta' San Ġakbu'* minħabba n-niċċa ta' San Ġakbu li hemm fl-istess triq. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan.



FD

MZ

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP

17.3.4 Fl-iskema ta' Finanzjament – Komunitajiet Aktar b'saħħithom u ta' Kwalità u li għaliha kien hemm qbil li jsir l-applikazzjoni għaliha; ġie ssuġġerit li l-fondi ħa jiġu użati għall-bankini għax hemm diġa' il-pjanti lesti U BOQ's lesti wkoll. Ma' dan il-Kunsill qabel li jipproċedu.

17.3.5 Mill-iSkema Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew inwettqa mill-Gvern Ċentrali hemm ammont ta' €30,000 u s-sindku ppropona li dawn jintużaw biex tissaħħaħ is-sistema tal-Cameras tal-madwar. Ma' dan il-Kunsillera preżenti qablu kollha.

17.3.6 Fuq bosta kommunikzzjonijiet mir-residenti u anke ħabba sigurtà, is- Sindku rrakkomanda biex issir sleeping police fi Triq San Pietru salib it-Toroq ma' Triq il- Barrieri u Triq Salvu Sacco. U ma' dan il-Kunsill kien fi qbil unanimu .

17.3.7 Ġewwa Triq il-barrieri sar sprall tal-ilma tax-xita iżda l-ilma ma jaqlibx ġo nofs it-triq. Ġie ssuġġerit biex issir xi ħi ħaġa bħal rampa bl-asfalt biex tidderiġi l-ilma tax-xita ġol-isprall; u ma' dan kien hemm qbil unanimu.

17.3.8 Komunikazzjoni oħra li wassal is-Sindku kien li hemm bżonn ta' sottokumitat speċjalment fid-dekasteru tiegħu għax fihom qed ikun hemm bosta xogol ta' komunikazzjoni speċjalment fejn jidħlu infrastruttura u Traffic Managment. Il-Kunsillera Loranna Bonniċi uriet ix-xewqa li taqsam id-dekasteru tal-infrastruttura għax tat-Traffic Managment diġà qiegħed maqsum mas-Sindku u tkun attiva f'dawn id-dekasteri speċjalment meta jkun hemm xi laqgħat.

17.3.8.1 Kien hemm ukoll il-kunsillier Joseph Schembri li wera x-xewqa li jkun hemm xi ċaqliqa fid-dekasteru tiegħu għalhekk id-dekasteri ħa jiġu diskussi fil-laqgħa segwenti.

17.3.9 Mill-entita' tal- Esplora ġie offrut pakkett għall-anzjani bil-prezz ta' €1.50 fejn ikollhom attivita ġewwa l-Esplora bħal filmat u show kif ukoll xi ikel u xorb. Ħa jintalbu d-dati ta' meta tista ssir din l-attivita' biex b'hekk tkun tita mwassla lir-residenti.

## 17.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

17.4.1 Ġie ssuġġerit mingħand Joseph Schembri biex Triq il-barrieri tiġi wrong way biex jiġu evitati inċidenti u minflok il-veturi joħorġu min Triq Danny Cremona, jidħlu Triq Valletta, jidħlu Triq San Piuetru biex b'hekk jiġu fi Triq il-Barrieri.

17.4.2 Il-Kunsillera Loranna Bonnici xtaqet li tiżdid tabella ta' sinjal tat-traffiku fejn Triq il-Lewżiet bi Speed limit ta' 20 u Vetturi jew Makkinarju u Heavy vehicles over 10 tons ma jkollhomx aċċess minbarra r- residenti.



FD

MAZ

## 17.5 Board ta' Ħatra

17.5.1 Is-Sindku wassal kommunikat li jrid jiġi approvat bord biex ikun jista jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

17.5.2 Il-laqgħa ġiet sospiża għall- ftit minuti

17.5.3 Il-membri qablu li għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv ma kien hemm ħadd bil-kwalifiki biex jagħżel u jkun fuq il-bord; għalhekk ħa titfittex l-għajnuna tal-AKL biex jigwidaw lill-membri biex jaħtru bord issuġġerit minnhom biex ma jidħlux fiha. Il-Kunsillera iżda urew x-xewqa li żewġ membri tal-Kunsill għandhom ikunu preżenti waqt l-inetrvista.

## 17.6 Post-Mortem tal-Irkottafest

17.6.1 Is-Sindku qal li wara l-attivita tal-Irkottafest kien hemm post għall-suġġerimenti biex sena oħra tmur għall-aħjar, għalkemm ma marritx ħażin, iżda kien hemm nuqqas ta' bejgħ.

17.6.2 Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Clint Grech u dan qabel li ħa jkun attiv mal-Kunsill għall-Gigantic u bħalma l-Kunsill ħallas nies oħra għall-ippjanar t' avvenimenti, is-Sur Clint ħa jibda jitħallas ukoll għas-servizzi tiegħu.

17.6.3 Il-Quad Bikes u Trampoline armati fuq in-naħa ta' barra ma' kienux ippjanati sew, jistgħu jsiru ġewwa l-iskola. Id-Dħul għall-avvneiment għandu bżonn ikun perswassiv iktar.

17.6.4. L-ispazju ta' armar irid ikun fuq pjanta li tiġi diskussa u muriha lil kull min huwa involut u ma jsir l-ebda tibdil.

## 17.7 Dati ta' Kiri ta' Sala

17.7.1. Il-Kunsilliera Loranna Bonnici vverifikat li ħa jsiru s-sessjonjiet tal-kraft u croche u li ħa titkellem ma' Chanice biex ma jkunx hemm overlapping fid-dati ma' attivitajiet oħra.

17.7.2 Ġie ssuġġerit biex isir kalendarju biex tinkera s-sala ħalli jkun hemm trasparenza u fuq dan kien hemm qbil.



MAZ FD

## 17. 8 Development Planning Funds

17.8.1 Is-Sindku wasal kommunikat li fid- Development planning funds hemm madwar €197,000. Ġie ssuġġerit li ssir diskussjoni ma' entitajiet governattivi differenti biex jgħinu mal-fondi, biex ikun hemm riġenerazzjoni ta' pjazza Żerniq.

17.8.2 Il-Kunsillera Loranna Bonnici ssuġġerit ukoll forsi jsir 'Night shelter' għall-anzjani li jkun immexxi mil-gvern. U l-post fejn ġie ssuġġerit kienet id-dar fejn kienu jgħixu s-sorijiet - Dar Qalb ta' Ġesu. Issemmiet ukoll Dar Santu Rokku bħala alternattiva ukoll.

## 17.9 Rikonoxximenti 2026

17.9.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit issuġġerixxa li għal Ġieh Ħal Kikrop 2026 jinħoloq kumitat u jintgħażel mir-residenti u jinħoloq bord apposta. Din ma ġietx milqugħa. Iżda' ġie ssuġġerrit mil-Kunsillera Loranna Bonniċi li r-r-residenti jkollhom ċans iwasslu n-nomini tagħhom iżda d-deċiżjoni finali tkun dejjem dik tal-Kunsill.

17.9.2 In-nomini biex jintgħażlu l-persuni għar-rikonoxximent u Ġieh Ħal Kikrop iridu ikunu ibażati fuq kriterji li jiġu diskuss qabel mill-kunsill.

## 17.10 Quarterly report

17.10.1 Għalkemm il-Quarterly Report ġie diskuss fil-laqgħa suċċessiva dan kien hemm xi tibdil minuri li sar min-naħa tal-Accountant għalhekk dawn il-punti ġew ppreżentati waqt il-laqgħa.

## 17.11 Rapport ta' Lmenti

17.11.1 Ilment li wasal għand is-Sinsku kien li fi Triq Valletta salib ma' Triq Danny Cremona il-karozzi qed jibqgħu ħerġin, għax din ġejja għad-dawra. Ġie ssuġġerit li jsiru bollards u repainting tal-istop sign u ma ' dan kien hemm qbil unanimu

17.11.2 Ilment ieħor kien li quddiem Triq Valletta quddiem il-Pinkish hemm bżonn ta' refreshing ta' double line biex jiġu evitati karozzi li jipparkjaw hemmhekk.



MAZ FO

17.11.3 Ilment ieħor li wasal għand is-Sindku kien biex fi Triq Sant Anġlu isir yellow line ħabba garaxx li qed jintuża bħala garaxx u mhux bħala storage.

17.11.4 Bosta lmenti li jaslu għand il-kunsiller Joseph Schembri huma fir-rigward ta' żamma ta' pjanti u siġar tal-madwar. Hemm nuqqas ta' xogħol li qed isir. Huwa ssuġerixxa li joħroġ Tender għall-ġardinar u ħa jsir kuntatt ma' persuna li jati gwida fuq it-tenders.

## 17.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

17.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 162 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

17.12.2 Il-Kunsilller Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 162 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

17.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju, 2025 fil-17:00hrs.

16.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.30.

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
Matthew Agius Zammit
*Sindku*

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
Franklan Debono
*Executive Secretary*

**Mozzjoni Ref:** 47 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 162 tiġi approvata.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Ġunju , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**



MAZ FD

**Mozzjoni Ref:** 48 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 16

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 11 ta' Ġunju , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



MAZ